## Aġġornament fuq ix-xogħol u apprezzament tal-volontarjat

Din il-ġimgħa għadu kemm ġie meħud it-tużell għand il-Kan. Charles Vella għar-restawr tal-induratura. Nirringrazzjaw lill-Għaqda tal-Armar ta' Triq Diċembru 13, talli ħadet ħsieb it-trasport għal Malta u l-ispejjeż kollha meħtieġa, u lil Sammy Portelli talli offra t-trakk tiegħu sabiex jinġarr it-tużell bl-aktar mod sigur.

Nirringrazzjaw ukoll lil Raymond Farrugia talli qed jieħu ħsieb ix-xogħol relatat mal-qafas intern tal-injam, u lil Suor Virginia li qed tieħu ħsieb tirripara t-tiċrit fil-bellus. B'xorti tajba mhux se jkun meħtieġ restawr tar-rakmu peress li ma ġarrabx ħsara.

Inħeġġiġkom titolbu għal kull min hu involut f'dan ix-xogħol ta' restawr, u għal dawk kollha li ta' kuljum jaħdmu u jieħdu ħsieb il-knisja tagħna: mhux biss dawk impjegati mal-parroċċa li spiss jingħatalhom anki xogħol intensiv ta' manutenzjoni u restawr imma dawk il-ħafna oħrajn li ta' kuljum b'mod volontarju u fil-moħbi qed jgħinu fil-ftuħ u l-għeluq tal-knisja, fiż-żamma tal-ordni u fil-preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjonijiet tat-talb. U ma' dawn insemmi b'mod speċjali lill-grupp ta' voluntiera nisa li ta' kull ġimgħa jnaddfu l-knisja tagħna u numru mdaqqas ta' voluntiera oħra li żdied f'dawn l-aħħar xhur sabiex dan ix-xogħol ta' kura tal-ambjenti tagħna, isir b'mod regolari fil-lokali kollha tal-parroċċa (jiġifieri kull fejn qed jiltaqgħu l-gruppi tagħna sabiex jitgħallmu, jitolbu, jorganizzaw jew jiċċelebraw flimkien).

Nitolbu tassew sabiex il-Mulej ikompli jħares lill-voluntiera kollha tagħna, ibierek ħidmiethom u jagħtihom is-saħħa sabiex ikomplu jservu u jaqdu bi mħabba lilu u lilna lkoll li qed ingawdu mix-xogħol tagħhom għall-ġid tal-parroċċa tagħna.

**L-Arċipriet**

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

## AVVIŻI:

### 3 IJIEM EŻERĊIZZI GĦALL-KOPPJI BIT-TFAL

It-Tnejn 24, it-Tlieta 25 u l-Erbgħa 26 ta' Marzu fis-7.00pm fil-knisja bażilika mill-Arċipriet Dun Krystof. Tistgħu tħallu lit-tfal iż-żgħar (sa Year 2) għand is-Sorijiet Franġiskani, u dawk ikbar (minn Year 3 sa 6) fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn ser ikun hemm min jieħu ħsiebhom. Għalkemm il-prietki ser ikunu indirizzati għall-familji bit-tfal żgħar u adolexxenti, jistgħu jinteressaw lil kull min għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u l-kura tat-tfal, u kull katekeżi se tagħti ħjiel ta' kif ngħixu u ngawdu iktar mill-ħajja tal-fidi fil-familji tagħna, qalb l-isfidi li niltaqgħu magħhom ma' dawk ta' ġewwa darna stess.

### LAQGĦA GĦAR-ROMOL

Infakkru u nħeġġu lir-romol kollha, irġiel u nisa, li nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu fis-5.45pm se ssir il-laqgħa ta' katekeżi għalihom fil-Mużew il-qadim tal-bniet, Triq Rakela Camilleri.

### TFAL FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Dawk it-tfal kollha minn Year 3 'l fuq li jixtiequ jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, għandhom jiġu jinkitbu flimkien mal-ġenituri tagħhom nhar it-Tlieta u l-Erbgha 25 u 26 ta' Marzu bejn l-4.30pm u s-6.00pm fil-maħżen tal-Ġimgħa l-Kbira, li jinsab fi Triq il-Kappillan (taħt iċ-Ċentru Parrokkjali).

### PERSUNAĠĠI U S-SULDATI GĦALL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Dawk il-persunaġġi u suldati kollha li s-soltu jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll oħrajn ġodda li jixtiequ jieħdu sehem huma mitluba sabiex ikellmu lil Mark Azzopardi fuq in-numru 99866777 sal-Ħadd 6 ta' April.

### ATTIVITÀ MILL-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA

Nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu se nżuru l-magħsar ta' Anthony Hili l-Għarb. Hemm jurna l-proċess ta' kif isir l-inbid. Ikun hemm il-wine tasting. Tluq fid-9.30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Għat-trasport ċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.